Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10047 — Schwarz Group/SUEZ Waste Management Companies)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 71/13)

1. Fid-19 ta' Frar 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Schwarz Group (il-Ġermanja), li tinkludi s-sussidjarji tagħha SB PreZero GmbH & Co. KG, PreZero International GmbH u SB Dienstleistung KG (il-Ġermanja), li tappartjeni għal Schwarz Group (il-Ġermanja),

— Suez Group (France), inklużi s-sussidjarji tagħha Brahms Abfallentsorgung Deutschland GmbH (il-Ġermanja), SUEZ Polska sp. z o.o. (Poland), Recycling & Recovery Netherlands B.V. (in-Netherlands), Jean Lamesch Exploitation S.A., (il-Lussemburgu), SUEZ Immobilia GmbH & CO. KG u SUEZ Immobilien GmbH (it-tnejn tal-Ġermanja).

SB PreZero GmbH & Co. KG, PreZero International GmbH u SB Dienstleistung KG (flimkien "Schwarz Group") jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Brahms Abfallentsorgung Deutschland GmbH, SUEZ Polska sp. z o.o., Recycling & Recovery Netherlands B.V., Jean Lamesch Exploitation S.A., SUEZ Immobilia GmbH GmbH CO. KG u SUEZ Immobilien GmbH (flimkien "SUEZ Waste Management Companies").

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' xiri ta' ishma u assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Schwarz Group: il-bejgħ bl-imnut tal-ikel f'aktar minn 30 pajjiż permezz tal-ktajjen tal-bejgħ bl-imnut tiegħu Lidl u Kaufland, kif ukoll il-ġbir, is-separazzjoni, l-ipproċessar u r-riċiklaġġ tal-iskart bħala fornitur ta' servizz integrat fil-qasam tal-immaniġġar tal-iskart bil-marka Prezero tiegħu,

— SUEZ Waste Management Companies: il-ġbir, il-pretrattament, is-separazzjoni, ir-riċiklaġġ, ir-rimi tal-iskart u l-kummerċ ta' skart u komoditajiet f'kull wieħed mill-Ġermanja, il-Polonja, il-Lussemburgu u n-Netherlands.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10047 — Schwarz Group/SUEZ Waste Management Companies

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË